Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Novembru 2026
(OR. en)

16240/26
ADD 1

EF 304
ECOFIN 1513
DELACT 178

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 7817 annex
Suġġett:	ANNESS tar- Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) …./… li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-trasparenza, tar-rieżami u tal-validazzjoni tal-metodoloġiji

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 7817 annex.

Mehmuż: C(2026) 7817 annex

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.11.2026
C(2026) 7817 final

ANNEX

ANNESS

tar-

Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) …./…

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-trasparenza, tar-rieżami u tal-validazzjoni tal-metodoloġiji

ANNESS

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) fit-Taqsima A, il-punt (9), l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Aġenzija li tiggrada l-kreditu għandha tistabbilixxi funzjoni ta' rieżami responsabbli biex tirrieżamina u tivvalida perjodikament il-metodoloġiji, il-mudelli u s-suppożizzjonijiet ewlenin ta' gradazzjoni tagħha, bħal suppożizzjonijiet matematiċi jew korrelattivi, u kwalunkwe bidla jew modifika sinifikanti għalihom, kif ukoll l-adegwatezza ta' dawk il-metodoloġiji, il-mudelli u s-suppożizzjonijiet ewlenin ta' gradazzjoni fejn jintużaw jew huma maħsuba li jintużaw għall-valutazzjoni ta' strumenti finanzjarji ġodda.";

(2) It-Taqsima D hija emendata kif ġej:

(a) il-punt (2a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2a. Aġenzija li tiggrada l-kreditu għandha takkumpanja d-divulgazzjoni tal-metodoloġiji ta' gradazzjoni, tal-mudelli u tas-suppożizzjonijiet ewlenin ta' gradazzjoni bi gwida. Dik il-gwida għandha tispjega s-suppożizzjonijiet, il-parametri, il-limiti u l-inċertezzi li jirrigwardaw il-mudelli u l-metodoloġiji ta' gradazzjoni użati fil-gradazzjonijiet tal-kreditu, inklużi dawn kollha li ġejjin:

(a) simulazzjonijiet ta' xenarji ta' stress imwettqa mill-aġenzija li tiggrada l-kreditu meta tistabbilixxi l-gradazzjonijiet tal-kreditu;

(b) informazzjoni dwar il-gradazzjoni tal-kreditu dwar l-analiżi tal-fluss tal-flus li l-aġenzija li tiggrada l-kreditu wettqet jew qed tiddependi fuqha;

(c) il-proċess ta' validazzjoni tal-metodoloġiji tal-aġenzija li tiggrada l-kreditu; u

(d) fejn applikabbli, indikazzjoni ta' kwalunkwe bidla mistennija fil-gradazzjoni tal-kreditu.

Tali gwida għandha tkun ċara u li tiftiehem faċilment."

(b) jiddaħħal il-punt (5a) li ġej:

"5a. Meta l-kunsiderazzjonijiet ESG ikunu element ewlieni sottostanti għal gradazzjoni tal-kreditu jew prospett ta' gradazzjoni, jew bidla fihom, aġenzija li tiggrada l-kreditu għandha tidentifika wkoll b'mod prominenti fl-istqarrijiet għall-istampa jew fir-rapporti tagħha dawk l-elementi ewlenin, filwaqt li tispjega għaliex tqiesu materjali għall-gradazzjoni tal-kreditu jew għall-prospett ta' gradazzjoni f'konformità mal-metodoloġija applikabbli.".